MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 84/2005

**Sergio Sciberras (ID numru 96071 M)**

**Vs**

**Emanuel Spiteri (ID numru 201580 M)**

Il-Qorti:

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jhallas is-somma ta` elfejn, tmien mija, hamsa u tmenin lira maltija, tnejn u sittin centezmu (Lm 2885.62), bilanc ta` somma akbar, rapprezentanti prezz ta` merkanzija lil konvenut mibjugha u kkonsenjata u sa llum mhux imhallsa, flimkien ma` l-imghax mid-data ta` kull fattura skond kopja ta` l-*'istatement of account'* hawn annessa u mmarkata Dok. 'A', bl-ispejjez kollha nkluzi ta` l-ittra ufficjali datata 6 ta` Novembru, 2003, kollox kontra l-

konvenut. Minn issa l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni kif ukoll l-imsemmi “Dok. A” a fol. 2 ta` l-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza, specjalment ir-rikors u digriet moghti fit-12 ta` Jannar, 2006 (fol. 16 u fol. 17 ta` l-istess atti) u li bih il-Qorti awtorizzat in-notifika tal-konvenut permezz tal-procedura ta` affissjoni u pubblikazzjoni skond l-artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat li saret in-notifika ta` l-istess konvenut skond din il-procedura (fol. 18, fol. 19 “a tergo” u fol. 30 et seq ibid), kif ukoll dak verbalizzat a fol. 16 u r-referta a fol. 21 u fol. 24 “a tergo” oltre dak a fol. 28 ibid.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut ovvolja debitament notifikat skond il-ligi, kif hawn fuq premess, naqas milli jidher quddiem il-Qorti sabiex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma pprezenta nota tal-eccezzjonijiet in kontestazzjoni (ara l-verbal tas-seduta ta` llum stess).

Ikkunsidrat

Illi da parti tieghu u fl-istess seduta, l-attur xehed u kkonferma li l-ammont specifikat fl-avviz ghadu dovut sa llum mill-istess konvenut u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi kunsiderata bhala pruvata skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta` Lm2,885.62, bl-imghax legali mis-16 ta` Ottubru, 2002, id-data tal-ahhar fattura skond l-anness Dok. A, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tas-6 ta` Novembru, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------